# DEĊIŻJONIJIET
## TAL-
# QRATI SUPERJURI TA' MALTA

---

## L-EWWEL PARTI
## QORTI TA' L-APPELL

---

## L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

---

19 ta' Jannar, 1953.

Imħallfin:

**Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;**
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Luigi Mizzi *versus* Edgar Montanaro et. ne.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ripreża ta' Pussess tal-Fond — Skola — Art. 10 (b) tal-Kap. 109 — Ordinanza XXI ta' l-1942.**

*Qabel l-emenda li saret bl-Ordinanza XXI ta' l-1942 lid-dispożizzjoni ta' l-art. 10 (b) tal-Kap. 109, sid il-post (barra minn ħanut) kellu d-dritt jerġa' jieħu taħt idejh il-fond, jekk ikun iridu għalih jew għal xi persuna minn dawk indikati fl-istess dispożizzjoni. B'dik l-emenda dak id-dritt ġie ntakkat biss meta l-fond huwa adibit bħala dar ta' l-abitazzjoni.*

*Għaldaqstant, jekk il-fond huwa adibit bħala skola, dak id-dritt tas-sid baqa' mhux intakkat*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Luigi Mizzi quddiem il-Board li jirregola l-Kera għal Għawdex, fejn talab li jerġa' jieħu taħt idejh il-komoditajiet superjuri tal-fond numru 7, Cangura Street, San Lawrenz, Għawdex, li għandhom aċċess minn Triq id-Duluri, dawk ċjoè adibiti bħala skola ele-

mentari tal-Gvern, billi r-rikorrent għandu bżonn ta' l-istess komoditajiet għall-abitazzjoni tiegħu; u offra lill-intimat fond ieħor fi Triq Torri, San Lawrenz, Għawdex, li jinsab fil-kors ta' kostruzzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fil-11 ta' Diċembru 1951, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidra;

*Omissis;*

Illi l-intimat nomine, inoltri, issottometta illi l-Board ma jistax jieħu konjizzjoni tal-meritu tal-każ preżenti qabel ma jiġi definitivament aċċertat illi l-"alternative accomodation" offerta mir-rikorrent hija kompletament lesta għall-okkupazzjoni; għaliex diversament l-esponent jista' jkun obligat jitlaq mill-kumditajiet li qiegħed fihom qabel ma jkunu lesti dawk offerti;

Illi dina l-kwistjoni tirriallaċċja ruħha mad-dikjarazzjoni li għamel ir-rikorrent kontenuta fil-verbal tas-6 ta' Novembru 1951, fejn qal li huwa pront jagħmel ix-xogħlijiet kollha neċessarji biex jadatta l-post offert għall-eżiġenzi kollha ta' skola, u tipprospetta ruħha f'dan is-sens, ċjoè għandux il-Board, meta jiġi biex jeżamina l-post offert huwiex "suitable", jieħu in konsiderazzjoni l-istat attwali ta' l-istess post, jew inkella għandux jieħu in konsiderazzjoni dak kollu li r-rikorrent sejjer jagħmel fil-post offert;

Illi dina l-kwistjoni ġa ġiet deċiża f'każ analogu minn dak il-Board fis-27 ta' Settembru 1949, fir-rikors nru. 41 ta' l-1949 fl-ismijiet "Francesca Vella vs. Felice Borg", meta ġie deċiż illi l-adattabilità tal-fond offert għandha tiġi kunsidrata fl-istat attwali, indipendentement minn kwalunkwe offerta magħmula mir-rikorrent biex jagħmel il-post "suitable". Dana l-Board jaqbel ma' dik id-deċiżjoni. U tabilħaqq, ma jistax dana l-Board jiddikjara "suitable" post qabel ma jiġu eżegwiti fih dawk ix-xogħlijiet kollha li huma neċessarji biex jiġi ritenut tali; għaliex diversament ikun qiegħed jikkonstata stat ta' fatt li għadu ma jeżistix;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Luigi Mizzi quddiem din il-Qorti, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi

tiġi milqugħa t-talba tiegħu ; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat ;

*Omissis;*

Ikkunsidrat ;

Illi mhux kontestat li l-kumditajiet li tagħhom l-appellant qiegħed jitlob ir-ripreża tal-pussess ġew mikrija biex jiġu adibiti, kif fil-fatt qegħdin jiġu adibiti, bħala skola. Lanqas hu kontestat li l-appellant irid jieħu taħt idejh dawk il-kumditajiet għaliex għandu bżonnhom biex imur jgħammar fihom ;

Ikkunsidrat ;

Illi qabel l-emenda li saret bl-Ordinanza XXI ta' l-1942 lid-dispożizzjoni ta' l-art. 10 (b) ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931 (Kap. 109), sid il-post (barra minn ħanut) kellu d-dritt jerġa' jieħu taħt idejh l-istess post jekk ikun iridu għalih innifsu, jew għal axxendent jew dixxendent tiegħu, middemm jew bi żwieġ, jew għal ħuh jew għal oħtu. Bl-emenda fuq imsemmija dak id-dritt tas-sid ġie limitat, iżda biss meta l-fond minnu reklamat ikun adibit bħala dar ta' l-abitazzjoni (ara sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Novembru 1948 in re "Dr. Maurice Agius Vadalà vs. Kaptan Harold Parnis England", Kollez. Vol. XXXIII, Parte I, paġ. 365-369). Filkaż in eżami, billi l-kumditajiet li l-appellant irid jieħu taħt idejh biex imur jgħammar fihom huma adibiti għal skola, u mhux għall-abitazzjoni, id-dritt tas-sid li jitlob ir-ripreża tal-pussess tagħhom ma ġiex bl-ebda mod intakkat bl-emenda fuq imsemmija, li hija applikabili biss għad-djar ta' l-abitazzjoni. Konsegwentement l-appell għandu jiġi milqugħ ;

Għaldaqshekk ;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tilqa' t-talba tar-rikorrent Luigi Mizzi, u tagħti lill-intimati nomine tliet xhur żmien biex jiżgumbraw millkumditajiet imsemmijin fir-rikors. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess intimati nomine.